Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

28 ta' Lulju 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 2000/78/KE — Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol — Artikolu 3(1)(a) — Direttiva 2006/54/KE — Ugwaljanza tal-opportunitajiet u ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol — Artikolu 14(1)(a) — Kamp ta' applikazzjoni — Kunċett ta' 'aċċess għall-impjieg, għal xogħol ta' min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor' — Preżentazzjoni ta' kandidatura għal impjieg intiża li jinkiseb l-istatus formali ta' applikant biss sabiex jintalab kumpens għal diskriminazzjoni — Abbuż ta' dritt"

Fil-Kawża C-423/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Ġunju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Lulju 2015, fil-proċedura

**Nils-Johannes Kratzer**

vs

**R+V Allgemeine Versicherung AG,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta (Relatur), President tal-Awla, A. Arabadjiev, J.-C. Bonichot, C.G. Fernlund u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M. Kratzer, minnu stess,

— għal R+V Allgemeine Versicherung AG, minn B. Göpfert, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u A. Lippstreu, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn M. Holt, bħala aġent, assistit minn K. Apps, barrister,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Kellerbauer u D. Martin, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79) u tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Nils-Johannes Kratzer u R+V Allgemeine Versicherung AG (iktar 'il quddiem "R+V") dwar it-talbiet tiegħu għal kumpens, għal kumpens għal dannu materjali u għal mandat ta' inibizzjoni abbażi tal-fatt li huwa kien ġarrab diskriminazzjoni minħabba l-età u s-sess tiegħu minħabba ċ-ċaħda minn R+V tal-kandidatura tiegħu għal pożizzjoni li għaliha kien hemm sejħa għal kandidaturi.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

Id-Direttiva 2000/78

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78 jipprovi:

"L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament."

4 L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubblici, f'dak li jirrigwarda:

a) il-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, għal xogħol ta' min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor, inklużi l-kriterji ta' għażla u l-kondizzjonijiet ta' reklutaġġ, ikun xi jkun il-qasam ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluża l-promozzjoni;

[...]"

5 L-Artikolu 17 tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li jiġu applikati. Is-sanzjonijiet, li jistgħu jinvolvu l-pagament ta' kumpens lill-vittma, għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. [...]"

Id-Direttiva 2006/54

6 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/54 jipprovdi:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li jkun implimentat il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

Għal dan il-għan, hi fiha dispożizzjonijiet biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' trattament ugwali f'relazzjoni ma':

a) l-aċċess għall-impjiegi, inkluża l-promozzjoni, u t-taħriġ vokazzjonali;

[...]"

7 Skont l-Artikolu 14(1) ta' din id-direttiva:

"M'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fis-settur pubbliku jew f'dak privat, inklużi l-korpi pubbliċi, b'relazzjoni għal:

a) kondizzjonijiet għal aċċess għall-impjiegi, għal min jaħdem għal rasu jew għall-impjieg, inkluż il-kriterji ta'selezzjoni u l-kondizzjonijiet ta' reklutaġġ, tkun li tkun il-fergħa ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluż promozzjoni;

[...]"

8 L-Artikolu 18 tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-sistema legali nazzjonali tagħhom dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa sabiex jassiguraw kumpens jew riparazzjoni reali u effettivi, kif jistabbilixxu l-Istati Membri, għat-telf u l-ħsara mġarrba minn persuna bħala riżultat ta'diskriminazzjoni abbażi ta' sess, b'mod li jkun dissważiv u proporzjonat għall-ħsara mġarrba. [...]"

9 L-Artikolu 25 tal-istess direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li jiġu applikati. Il-penali, li jistgħu jinkludu l-paga ta' kumpens lill-vittma, iridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.[...]"

*Id-dritt Ġermaniż*

10 L-Artikolu 1 tal-Allgemeines Gleichbehandlungsgesetz (liġi ġenerali dwar l-ugwaljanza fit-trattament), tal-14 ta' Awwissu 2006 (BGBl. 2006 I, p. 1897), fil-verżjoni applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"AGG"), jipprovdi:

"Din il-liġi għandha l-għan li tipprekludi jew li telimina kull diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew fuq l-oriġini etnika, is-sess, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali".

11 L-Artikolu 2(1) tal-AGG jipprovdi:

"Skont din il-liġi, id-diskriminazzjoni bbażata fuq waħda mill-motivi indikati fl-Artikolu 1 hija illegali fir-rigward:

1. tal-kondizzjonijiet għal aċċess għall-impjieg, għall-impjieg bħala persuna li taħdem għal rasha jew għax-xogħol, inkluż il-kriterji ta'selezzjoni u l-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ, indipendentement mill-fergħa ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluż fil-qasam tal-promozzjoni;

[...]"

12 L-Artikolu 6(1) tal-AGG jipprovdi:

"Għall-finijiet tal-liġi preżenti, persuni impjegati huma:

1. il-ħaddiema;

[...]

Huma wkoll ikkunsidrati bħala 'ħaddiema' l-persuni li applikaw għal impjieg kif ukoll dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom intemmet."

13 Skont l-Artikolu 7(2) tal-AGG:

"Il-ħaddiema ma għandhom ikunu suġġetti għal ebda diskriminazzjoni abbażi ta' wieħed mill-motivi msemmi fl-Artikolu 1; din il-projbizzjoni tapplika wkoll meta l-persuna li tkun wettqet id-diskriminazzjoni sempliċement tassumi, meta twettaq id-diskriminazzjoni, li jeżisti wieħed mill-motivi msemmija fl-Artikolu 1."

14 L-Artikolu 15(1) u (2) tal-AGG huwa fformulat kif ġej:

"1. Fil-każ ta' ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, il-ħaddiem għandu jagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat. Din ir-regola ma tapplikax fil-każ li min jimpjega ma jkunx responsabbli għall-ksur.

2. Għal dannu mhux pekunjarju, il-ħaddiem jista' jitlob kumpens finanzjarju xieraq. Fil-każ ta' nuqqas ta' reklutaġġ, dan il-kumpens ma jistax jeċċedi tliet salarji jekk il-ħaddiem ma jkunx ġie rreklutat fil-kuntest ta' selezzjoni mhux diskriminatorja."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

15 F'Marzu 2009, R+V ippubblikat sejħa għal kandidaturi għal pożizzjonijiet ta' apprendisti intiżi għall-persuni gradwati fl-oqsma tax-xjenzi ekonomiċi, tal-matematika tal-ekonomija, tal-informatika tal-ekonomija u tal-liġi.

16 Il-kriterji stabbiliti f'din is-sejħa għal kandidaturi kienu l-pussess ta' lawrja minn università b'marka tajba ħafna f'wieħed mill-oqsma inkwistjoni, miksuba s-sena ta' qabel jew fix-xhur segwenti, u esperjenza professjonali prattika u kkwalifikata, miksuba, pereżempju, f'taħriġ, apprendistat jew xogħol għal studenti. Fir-rigward tal-kandidaturi fil-qasam tal-liġi, l-applikanti kienu meħtieġa wkoll juru s-suċċess fiż-żewġ eżamijiet tal-Istat u speċjalizzazzjoni fid-"dritt tax-xogħol" jew konoxxenzi fil-qasam medikali.

17 N-J. Kratzer ippreżenta l-kandidatura tiegħu għal pożizzjoni ta' apprendistat fil-qasam tal-liġi billi ppreċiża mhux biss li kien jissodisfa l-kriterji kollha fis-sejħa tal-kandidaturi, iżda wkoll li, bħala avukat u maniġer ta' kumpannija tal-assigurazzjoni, huwa kellu esperjenza fl-amministrazzjoni u kien imdorri jinkariga ruħu b'responsabbiltà u jaħdem indipendentement. Huwa indika wkoll li kien qiegħed isegwi taħriġ biex isir avukat speċjalizzat fid-dritt tax-xogħol u li, minħabba l-mewt ta' missieru, huwa kien ħadem fuq fajl mediku kbir u għalhekk kellu esperjenza kbira f'dan il-qasam.

18 Fid-19 ta' April 2009, R+V ċaħdet il-kandidatura ta' N-J. Kratzer billi indikat li ma kinitx f'pożizzjoni li toffrilu pożizzjoni.

19 Fil-11 ta' Ġunju 2009, N-J. Kratzer indirizza lment bil-miktub lil R+V li permezz tiegħu huwa talab kumpens ta' EUR 14 000 minħabba diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.

20 Għaldaqstant, R+V stiednet lil N-J. Kratzer għal intervista, fil-bidu tax-xahar ta' Lulju 2009, mal-kap tal-persunal, filwaqt li ppreċiżat li l-kandidatura tiegħu kienet ġiet ipproċessata b'mod awtomatiku u ma kinitx tikkorrispondi għall-intenzjonijiet tagħha.

21 N-J. Kratzer irrifjuta din l-istedina u ppropona diskussjoni dwar il-futur tiegħu ma' R+V ladarba t-talba għall-kumpens tiegħu tkun ġiet issodisfatta.

22 Huwa ressaq talba għall-kumpens ta' ammont ta' EUR 14 000 minħabba diskriminazzjoni bbażata fuq l-età quddiem l-Arbeitsgericht Wiesbaden (qorti tax-xogħol ta' Wiesbaden, il-Ġermanja). Wara li sussegwentement sar jaf li R+V kienet attribwixxiet l-erba' pożizzjonijiet ta' apprendistat ikkonċernati lil nisa' biss, minkejja li iktar mis-sittin kandidatura sottomessi kienu jinqasmu b'mod kważi ugwali bejn l-irġiel u n-nisa', N-J. Kratzer talab kumpens addizzjonali ta' EUR 3 500 minħabba diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

23 Wara li l-Arbeitsgericht Wiesbaden (qorti tax-xogħol ta' Wiesbaden) ċaħdet it-talba tiegħu, N-J. Kratzer appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Hessisches Landesarbeitsgericht (qorti tax-xogħol superjuri tal-Land ta' Hessen, il-Ġermanja), li, min-naħa tagħha, ċaħdet l-appell ta' N-J. Kratzer.

24 N-J. Kratzer ippreżenta appell fuq punti ta' liġi quddiem il-qorti tar-rinviju.

25 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE u l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2006/54/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li persuna tfittex 'aċċess għall-impjieg jew xogħol', meta kif jirriżulta mill-applikazzjoni tagħha, mhux qed tfittex reklutaġġ u impjieg, iżda sempliċement status bħala applikant, sabiex tkun tista' tressaq talba għal kumpens?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv:

Tista' sitwazzjoni, li fiha l-istatus bħala applikant inkiseb mhux għal għanijiet ta' reklutaġġ u ta' impijeg, iżda bl-għan li ssir talba għal kumpens, titqies bħala abbuż ta' dritt skont id-dritt tal-Unjoni?"

**Fuq id-domandi preliminari**

26 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE u l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2006/54/KE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li sitwazzjoni, li fiha persuna, billi tippreżenta l-kandidatura tagħha għal impjieg, tfittex li tikseb mhux dan l-impjieg, iżda biss l-istatus

formali ta' applikant, bl-għan waħdieni li titlob kumpens, taqa' taħt il-kunċett ta' "aċċess għall-impjieg jew xogħol" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, u jekk, taħt id-dritt tal-Unjoni, tali sitwazzjoni tistax titqies bħala abbuż ta' dritt.

27 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 267 TFUE, ibbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tal-kawża prinċipali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2012, Rintisch, C-553/11, EU:C:2012:671, punt 15). F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja biss hija awtorizzata tagħti deċiżjonijiet fuq l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tas-sitwazzjoni fattwali u legali kif deskritta mill-qorti tar-rinviju, sabiex tagħti lil din tal-aħħar l-informazzjoni utli għas-soluzzjoni tal-kawża li tressqet quddiemha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2006, Chateignier, C-346/05, EU:C:2006:711, punt 22).

28 Konsegwentement, huwa fuq il-bażi tal-fatti indikati mill-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol) fid-deċiżjoni tar-rinviju li għandha tingħata risposta għad-domandi magħmula minn din il-qorti.

29 F'dan ir-rigward, minn din id-deċiżjoni jirriżulta li l-kawża prinċipali hija kkaratterizzata mill-fatt li N-J. Kratzer ippreżenta l-kandidatura tiegħu għal impjieg bħala apprendist ma' R+V mhux sabiex jikseb dan l-impjieg, iżda biss l-istatus formali ta' applikant, bl-għan waħdieni li jitlob kumpens abbażi tad-Diretttivi 2000/78 u 2006/54.

30 Sitwazzjoni fattwali li għandha karatteristiċi bħal dawk deskritti fl-imsemmija deċiżjoni fil-prinċipju ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2000/78 u 2006/54.

31 Fil-fatt, hemm lok li jiġi rrilevat li, skont il-kliem stess tat-titolu ta' dawn id-direttivi, dawn jikkonċernaw il-qasam tal-impjieg u tax-xogħol.

32 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, kemm mit-titolu u l-preambolu kif ukoll mill-kontenut u mill-finalità tad-Direttiva 2000/78 jirriżulta li din hija intiża li tistabbilixxi qafas ġenerali sabiex tiżgura ugwaljanza fit-trattament "fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol" lil kull persuna, billi toffrilha protezzjoni effikaċi kontra d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 1 tagħha, fosthom l-età (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Ottubru 2007, Palacios de la Villa, C-411/05, EU:C:2007:604, punt 42; tat-13 ta' Settembru 2011, Prigge *et*, C-447/09, EU:C:2011:573, punt 39, kif ukoll tat-13 ta' Novembru 2014, Vital Pérez, C-416/13, EU:C:2014:2371, punt 28).

33 Fir-rigward tad-Direttiva 2006/54, din hija intiża, konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1, li tiggarantixxi l-implementazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol.

34 B'mod partikolari, mill-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78 kif ukoll mill-punt (a) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 u mill-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2006/54 jirriżulta li dawn id-direttivi huma applikabbli għal persuna li tkun qiegħda tfittex xogħol, inkluż fir-rigward tal-kriterji ta' selezzjoni u l-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ għal dan ix-xogħol (ara sentenza tad-19 ta' April 2012, Meister, C-415/10, EU:C:2012:217, punt 33).

35 Persuna li tissottometti l-kandidatura għal impjieg tagħha f'kundizzjonijiet bħal dawk deskritti fil-punt 29 tas-sentenza preżenti manifestament ma tfittix li tikseb impjieg li fir-rigward tiegħu hija tkun formalment applikat. Konsegwentement, hija ma tistax tinvoka l-protezzjoni offruta mid-Direttivi 2000/78 u 2006/54. Interpretazzjoni kuntrarja tkun inkompatibbli mal-għan tagħhom, li

huwa dak li tiġi żgurata ugwaljanza fit-trattament "fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol" lil kull persuna, billi tingħata protezzjoni effikaċji kontra ċerta diskriminazzjoni, b'mod partikolari, fir-rigward tal-"aċċess għall-impjieg".

36 Barra minn hekk, f'dawn iċ-ċirkustanzi, tali persuna ma tistax titqies li hija "vittma" fis-sens tal-Artikoli 17 tad-Direttiva 2000/78 u 25 tad-Direttiva 2006/54, jew persuna leża li tkun ġarrbet "telf" jew "ħsara" fis-sens tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/54.

37 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-individwi ma jistgħux jinvokaw id-dritt tal-Unjoni Ewropea għal finijiet frawdolenti jew abbużivi (ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2014, SICES *et*, C-155/13, EU:C:2014:145, punt 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 Il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' prattika abbużiva teħtieġ il-kombinazzjoni ta' element oġġettiv u ta' element suġġettiv (ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2014, SICES *et*, EU:C:2014:145, punt 31).

39 Minn naħa, fir-rigward tal-element oġġettiv, minn numru ta' ċirkustanzi oġġettivi għandu jirriżulta li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-għan ta' din il-leġiżlazzjoni ma ntlaħaqx (ara s-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke, C-110/99, EU:C:2000:695, punt 52, kif ukoll tat-13 ta' Marzu 2014, SICES *et*, C-515/03, Ġabra p. I-7355, punt 32).

40 Min-naħa l-oħra, tali konstatazzjoni teħtieġ ukoll element suġġettiv fis-sens li minn numru ta' elementi oġġettivi għandu jirriżulta li l-għan essenzjali tal-operazzjonijiet inkwistjoni huwa l-ksib ta' vantaġġ indebitu. Fil-fatt, il-projbizzjoni ta' prattiċi abbużivi ma hijiex rilevanti meta t-tranżazzjonijiet inkwistjoni jista' jkollhom ġustifikazzjoni oħra għajr is-sempliċi ksib ta' vantaġġi (ara s-sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et*, C-255/02, EU:C:2006:121, punt 75 ; u tat-22 ta' Diċembru 2010, Weald Leasing, C-103/09, EU:C:2010:804, punt 30, kif ukoll tat-13 ta' Marzu 2014, SICES *et*, C-155/13, EU:C:2014:145, punt 33).

41 Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dan it-tieni element, li huwa marbut mal-intenzjoni tal-operaturi, tista' tittieħed inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, in-natura purament artifiċjali tal-operazzjonijiet ikkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke, C-110/99, EU:C:2000:695, punti 53 u 58 ; u tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et*, C-255/02, EU:C:2006:121, punt 81; tal-21 ta' Frar 2008, Part Service, C-425/06, EU:C:2008:108, punt 62, kif ukoll tat-13 ta' Marzu 2014, SICES *et*, C-155/13, EU:C:2014:145, punt 33).

42 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika, konformement mar-regoli dwar il-provi tad-dritt nazzjonali, sakemm id-dritt tal-Unjoni ma jiċċaħħadx mill-effikaċja tiegħu, jekk fil-kawża prinċipali jeżistux l-elementi li jikkostitwixxu prattika abbużiva (ara s-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke, C-110/99, EU:C:2000:695, punt 54; tal-21 ta' Lulju 2005, Eichsfelder Schlachtbetrieb, C-515/03, EU:C:2005:491, punt 40; tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et*, C-255/02, EU:C:2006:121, punt 76, kif ukoll tat-13 ta' Marzu 2014, SICES *et*, C-155/13, EU:C:2014:145, punt 34).

43 F'dan ir-rigward, jekk jidher b'mod oġġettiv, minn naħa, li minkejja l-osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti mid-Direttivi 2000/78 u 2006/54, l-għan ta' dawn ma ntlaħaqx u, min-naħa l-oħra, li N-J. Kratzer applika artifiċjalment għal impjieg bl-għan waħdieni mhux sabiex jaċċetta dan l-impjieg iżda sabiex jinvoka l-protezzjoni offruta minn dan id-direttivi bil-għan li jikseb vantaġġ indebitu, aspett li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, għandu għalhekk jitqies li N-J. Kratzer jinvoka l-imsemmija protezzjoni abbużivament.

44 F'dawn il-kundizzjonijiet, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78 u l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2006/54 għandhom jiġu interpretati fis-sens li sitwazzjoni li fiha persuna, billi tippreżenta l-kandidatura tagħha għal impjieg, tfittex li tikseb mhux dan l-impjieg, iżda biss l-istatus formali ta' applikant, bl-għan waħdieni li titlob

kumpens, ma taqax taħt il-kunċett ta' "aċċess għall-impjieg jew xogħol" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, u tista', jekk ir-rekwiżiti taħt id-dritt tal-Unjoni jkunu ssodisfatti, tiġi kklassifikata bħala abbuż tad-dritt.

**Fuq l-ispejjeż**

45 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, u l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li sitwazzjoni li fiha persuna, billi tippreżenta l-kandidatura tagħha għal impjieg, tfittex li tikseb mhux dan l-impjieg, iżda biss l-istatus formali ta' applikant, bl-għan waħdieni li titlob kumpens, ma taqax taħt il-kunċett ta' "aċċess għall-impjieg jew xogħol" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, u tista', jekk ir-rekwiżiti taħt id-dritt tal-Unjoni jkunu ssodisfatti, tiġi kklassifikata bħala abbuż ta' dritt.**

Firem